**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 02/K8/15**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 13/05/'15 324**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 13/05/'15 379**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 18/12/'14 20**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Erbgha 13 ta' Mejju 2015.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00p.m.

1.03 Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sindku | Karl Gouder |
| | Il-Viċi-Sindku | Guido Dalli |
| | Il-Kunsillier | Martin Sultana |
| | Il-Kunsillier | Dott. Albert Buttigieg |
| | Il-Kunsillier | John Agius |
| | Il-Kunsillier | Adrian Domnic Ellul |
| | Il-Kunsilliera | Rita Dimech Portelli |
| | Il-Kunsillier | Clayton Luke Mula |
| | Il-Kunsillier | Clayton Tanti Gregoracy |
| | Is-Segretarju | Eżekuttiv Helen Walker |
| | L-iskrivana | Cher Carmen Fenech. |

1.04 Skużati:- (0)

1.05 Assenti:- (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (1)

1.07 Is-Sindku Karl Gouder ippresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fis-7 ta' Mejju 2015. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Responsabilitajiet tal-Karigi
3. Tqassim taż-Żoni
4. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2015
5. Offerti:- *Contracts Manager*
6. Tnedija ta' Facebook
7. Kommunikazzjoni miċ-Ċermen
8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
10. Aġġornament tal-laqgħa.

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Ċerman ressaq il-Minuti 01/K8/15 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville

1.4.01 Peress li l-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville ser issir nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju 2015 ma kienx hemm minuti biex japprova l-Kunsill.

## 2 Responsabilitajiet tal-Karigi

2.01 Iċ-Ċermen ippreżenta lill-Kunsill it-tqassim tal-karigi u ġibed l-attenzjoni li s-Sindku huwa ex-uffiċċjo fuq ir-responsabilitajiet mogħtija lill-Kunsilliera kollha.

2.02 Wara diskussjoni qasira ċ-Ċermen ippropona r-responsabbilitajiet kif ġej:-

| **Isem** | | | **Responsabbilitajiet** |
|---|---|---|---|
| Is- Sindku<br>Il-Viċi Sindku | Karl Gouder<br>Guido Dalli | - | *Ġemellaġ, Fondi EU u Bye-laws* |
| Il-Viċi Sindku | Guido Dalli | - | *Infrastruttura, Toroq, Proġetti Ġodda u Indafa* |
| Il-Kunsiller | Martin John Sultana | - | *Traffiku, Pulizija, Trasport u Sinjali tat-Traffiku* |
| Il-Kunsiller | Albert Buttigieg | - | *Edukazzjoni u Inklużjoni Soċjali li tinkludi Diżabilita u NGO's* |
| Il-Kunsiller | John Agius | - | *Attivitajiet Soċjali għall-Anzjani* |
| Il-Kunsiller | Adrian Dominic Ellul | - | *Żgħażagħ u Sports* |
| Il-Kunsillera | Rita Dimech Portelli | - | *Saħħa Pubblika* |
| Il-Kunsiller | Clayton Luke Mula | - | *Kultura u Turiżmu* |
| Il-Kunsiller | Clayton Tanti Gregoraci | - | *Ambjent, Negozji Żgħar u Kummerċ* |

2.03 Il-Viċi Sindku Guido Dalli ssekondah.

2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3. Tqassim taż-Żoni**

3.01 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li sabiex il-Kunsill ikun aktar viċin l-pubbliku u bi skop li jiġu identifikati aktar malajr il-problemi taż-żona partikolari ppropona li l-lokalita' tkun maqsuma fi tmien żu kull żona jkollha kunsillier/i responsabbli. Dan kif ġej:-

**Żona Nru. 1 –**

**Kunsilliera Responsabbli: is-Sur Adrian Dominic Ellul u s-Sur Martin John Sultana**

| | |
|---|---|
| Triq Abbe De Vertot | Wesgħa Agostino Savelli |
| Triq Bertha K. Ilg | Triq Eric Brockman |
| Triq George Badger | Triq Jean Houel |
| Triq William H. Prescott | Triq Lapsi (in-naħa ta' Merħba Pharmacy) Bini tal-Gvern |
| Triq Andre Maurois | Triq Diodorus Siculus |
| Triq Francesco Balbi | Triq Hans Stumme |
| Triq William Hardman | Triq Ta' Giorni (in-naħa t'isfel) |
| Triq E. Schermerhorn | Triq Patrick Brydone (in-naħa tal-H.E. ta' Ta' Ġiorni) |
| Triq Carlos Zabarella | |

**Żona Nru. 2 –**

**Kunsillier Responsabbli: is-Sur Clayton Tanti Gregoraci**

| | |
|---|---|
| Triq Ta' Ġiorni (In-naħa ta' Fuq) | Triq Nicholas Monserat |
| Triq il-Baltiku | Triq Ta' Marmora |
| Triq Michelangelo Cagiano | Triq il-Fagu |
| Triq Patrick Brydone (in-naħa ta' fuq) | Triq il-Bahar l-Iswed |
| Triq Antonio Busuttil (T/G fi Triq il-Bahar l-Iswed) | Triq Claire E. Engel |
| Triq il-Mediterran | Triq il-Fraxxnu |
| Triq Michelangelo Borg | |

**Żona Nru. 3 –**

**Kunsilliera Responsabbli: is-Sur Guido Dalli u s-Sur John Agius**

| | |
|---|---|
| Triq Mikiel Anton Vassalli | T/G fi Triq Mikiel Anton Vassalli |
| Pjazza Spinola | Triq Lapsi |
| Triq San MIkiel | Triq San Mark |
| Triq Sant' Anglu | Triq Sant' Elija |
| Triq il-Karmnu | Triq Gorg Borg Olivier |
| Telgħet B'Kara | Sqaq Ciantar |
| Triq il-Bajja | Trejqet il-Bajja |
| Triq Alfred Gauci (T/G fi Trejqet il-Bajja) | Triq il-Kbira |
| Triq Angelo Pullicino | Trejqet Grenfell |
| Xatt tas-Sajjieda | Triq Albert Mayr |

**Żona Nru. 4 –**

**Kunsillier Responsabbli: is-Sur Clayton Luke Mula**

| | |
|---|---|
| Triq Ivo Muscat Azzopardi | Triq Wied Għomor |
| Triq il-Mensija | Triq Forrest |
| Triq iz-Zebbug | Fuq il-Gonna (Garden Cresent) |
| Triq is-Sajjieda | Triq l-Oleandru |
| Triq il-Palm | Triq it-Tamal |
| Triq Sant Andrija | Triq Marguerite Mangion (T/G fi Triq Sant Andrija) |
| Triq Santa Rita | Sqaq Lourdes |
| Sqaq il-Lunzjata | Triq il-Qaliet |
| Triq Santu Wistin | Triq San Gorg |
| Triq Luigi Apap (Trejqet San Gorg) | Ix-Xatt ta' San Gorg |
| Triq Ross | |

**Żona Nru. 5 –**

**Kunsillier Responsabbli: Kumitat Amministrattiv Paceville**

| | |
|---|---|
| Triq Ball | Triq Dobbie |
| Vjal Portomaso | Triq Dragunara |
| Triq Gort | Triq il-Knisja |
| Triq Paceville | Triq Schrieber |
| Triq Wilga | Ix-Xatt ta' Spinola |
| Il-Qasam ta' San Gorg | Triq Salvu Privtera |
| Triq Spinola | Triq Elija Zammit |
| Triq San Guzepp | |

**Żona Nru. 6 –**

**Kunsillier Responsabbli: Dott. Albert Buttigieg**

| | |
|---|---|
| Triq l-Arcisqof Romero | Sqaq Imrabat (fejn mhuwiex privat) |
| Triq Zammit Clapp | Triq il-Ballut |
| Triq il-Klarissi | Triq is-Sorijiet |
| Triq il-Qalb Imqaddsa | Triq Dun Guzepp Xerri |
| Triq Dun Anton Tabone (T/G fi Triq il-Qalb Imqaddsa) | Triq B'Kara |
| Triq Bonavita | Sqaq is-Sigra |
| Triq Sir Joseph Carbone | Triq Furtu Selvatico |

**Żona Nru. 7 –**

**Kunsilliera Responsabbli: Ms. Rita Dimech Portelli**

| | |
|---|---|
| Triq Alphonse Maria Galea (Sur Fons) | Pjazza Balluta |
| Ir-Rampa ta' San Giljan | Triq Scicluna |
| Triq Manwel Dimech | Triq il-Karmelitani |
| Telgħet San Giljan | Sqaq Fabri |
| Triq Alphonse Maria Galea (Sur Fons) | Pjazza Balluta |
| Ir-Rampa ta' San Giljan | Triq Scicluna |
| Triq Manwel Dimech | Triq il-Karmelitani |
| Telgħet San Giljan | Sqaq Fabri |

3.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

3.03 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.04 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li kull sitt ġimgħat hemm il-ħsieb li ssir laqgħa mar-residenti ta' kull żona u ser isiru laqgħat mar-rappreżentanti ta' l-Għaqdiet Soċjali, Politiċi u NGO's.

**4. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2015**

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2015 (Ara Appendiċi 'A').

4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport.

4.03 Iċ-Ċermen Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2015.

4.04 Il-Kunsillier Albert Buttigieg issekondah.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5. Offerti: - *Contracts Manager***

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bl-iskeda dwar offerti għal-Contracts Manager (Ara Appendiċi 'B').

5.02 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li għalissa jibqa' għaddej il-kuntratt preżenti sakemm il-Kunsill jivverifika t-tenders li ntefgħu u terġa' titqiegħed item fuq l-aġenda li jmiss.

5.04 Ġie deċiż unanimament li l-Contract Manager jiġi nfurmat sabiex kull meta jkun ser jiċċertifika x-xogħolijiet infrastrutturali jiġi nfurmat il-Kunsill bil-miktub biex min irid mill-Kunsilliera jkun preżenti.

## 6. Tnedija ta’ Facebook

6.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li wasal iż-żmien li tiġi mnedija *Facebook page* biex il-Kunsill ikun aktar viċin il-pubbliku. Iċ-Ċermen għarraf li biex issir din il-*page* mhux ser ikun hemm spejjeż għall-Kunsill.

6.02 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li jiġi avviċinat is-Sur Emanuel Debono biex jibda jaħdem fuq din il-materja fuq bażi temporanja b’mod volontarju. Għalissa iċ-*Chief Administrator Rights* ser jkunu għand is-Sindku. Il-quddiem il-Kunsill jiddiskuti kif ser tithaddem.

## 7. Kommunikazzjoni miċ-Ċermen

7.01 **Ilmenti:** Ġie spjegat lill-Kunsill is-sistema ta’ l-ilmenti u l-importanza li l-ilmenti jingħataw lill-amministrazzjoni bid-dettal korrett. Fin-nuqqas ta’ dan fejn jirriżulta li l-ilment ma jkunx ċar u ma jingħatax *contact no./ details* l-amministrazzjoni jew l-awtoritajiet ikkonċernati ma jkunux jistgħu jieħdu l-azzjoni meħtieġa. Ġie spjegat ukoll li s-sitema ta’ l-ilmenti tiġġenera numru ta’ riferenza. Liema numru jirċievi l-individwu li jkun għamel l-ilment dment li dan jagħti d-dettalji kollha li jiġi mitlub waqt il-proċess. Dan in-numru ta’ riferenza huwa l-uniku mod li wieħed jista’ jagħmel follow-up ta’ l-ilment.

7.02 **Xogħlijiet:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-proċedura għall-ilmenti għal xogħlijiet ta’ natura ta’ tiswijiet u manutenzjoni hija li s-Segretarju Eżekuttiv tipprepara lista ta’ dawn ix-xogħlijiet li tirċievi bejn laqgħa u oħra. Din il-lista tinġieb għall-attenzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jkun imiss biex tiġi approvata. Wara s-Segretarju Eżekuttiv toħroġ il-*works order* lill-kuntratturi konċernati.

7.03 Għal dawk l-ilmenti li għas-Sindku jew għas-Segretarju Eżekuttiv ikunu ta’ natura ta’ periklu għall-pubbliku jew urġenti, f’dan il-każ is-Segretarju Eżekuttiv toħroġ il-*works order* lill-kuntratturi kkonċernati u wara tinkludi dawn ix-xogħlijiet fil-lista li tinġieb għall-attenzjoni tal-Kunsill.

7.04 Skont il-proċeduri u r-regolamenti finanzjarji l-ebda Kunsillier ma jista’ jagħti *direct order* lil xi kuntrattur jew jixtri xi materjal għan-nom tal-Kunsill. Huwa mportanti li kull Kunsillier josserva il-proċeduri u r-regolamenti kollha biex jiġi evitat li jistgħu jinżammu personalment responsabbli għal għemilhom.

7.05 **Idea Bank:** Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-ħsieb tiegħu huwa li l-idejat ta' kull Kunsillier, li fuqu l-Kunsill hu kompetenti jew li għandu ġurisdizzjoni kif stabilit b'Att jew li taffettwa l-lokalita', jinġabru u jiġu diskussi. Dan sabiex ikun jista' jsir pjan ta' ħidma skont il-finanzjament li jkollu disponibbli l-Kunsill. B'hekk jiġu evalwati dawk ix-xogħlijiet li jistgħu jsiru f'*short, medium u long term.*

7.06 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-allokazzjoni li tingħata mill-Gvern marbuta mar-responsabilitajiet statutorji. Għalhekk għal kull haġa li tmur oltre dan jew fejn jirriżulta li l-Kunsill ma jkollux il-finanzjament il-Kunsill jista' japplika għal finanzjament skont l-iskemi li jinħarġu mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali', mill-UIF jew minn xi skemi ta' l-Unjoni Ewropea. L-ebda proġett ma jista' isir jekk il-Kunsill ma jkollux il-fondi għalih.

7.07 Ġie deċiż unanimament li jinħareġ tender għas-servizz ta' Mini Van mill-15 ta' Ġunju 2015 sal-15 ta' Settembru 2015 mill-Balluta għal Ta' Ġiorni, fid-9.30p.m. u fil-11.00p.m.
Il-Kunsill ġie nfurmat li rcieva l-ammont ta' €8,052.00 mingħand il-Kumitat Konġunt.
Ġie deċiż unanimamet li dawn il-fondi / jew parti minnhom jintużaw biex jiġi iffinanzjat is-servizz tal-mini-van li ser jiġi provdut.

7.08 **Sitwazzjoni Hatra Segretarju Eżekuttiv Ġdid:** Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

a) Il-Bord ta' l-Għazla magħmul mis-Sindku Karl Gouder, il-Viċi Sindku Guido Dalli, l-Kunsillier Martin John Sultana u s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker bħala *ex-uffiċċjo*.

b) L-avviż għas-sejħa skada nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju 2015.

c) L-interviews ser isiru nhar il-Ġimgħa 22 ta' Mejju 2015 fis-2.00 p.m.

7.09 Ġie deċiż unanimament li:-

a) L-għażla tal-Bord tkun meqjusa bħala d-deċiżjoni finali tal-Kunsill.

b) Li sakemm jingħata l-*hand-over* il-Kunsill joħroġ is-salarju lis-Segretarju Eżekuttiv preżenti kif ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid.

**8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

8.02 Iċ-Ċermen Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

8.03 Il-Viċi Sinku Guido Dalli ssekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

8.05 Ġie deċiż unanimament li l-amministrazzjoni tagħmel il-pagamenti meħtieġa għall-kontijiet li l-Kunsill jirċievi bejn laqgħa u oħra. Fir-rigward dawk il-kontijiet b'konnessjoni max-xogħlijiet tal-kuntratturi dawn qabel ma jsir il-pagament għandhom l-ewwel jiġu ċ-ċertifikati mill-*contracts manager*. Il-pagamenti kollha li jsiru jitniżżlu fuq ix-*schedule of payment* u jinġiebu għall-attenzjoni u approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jkun imiss.

## 9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

9.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets Nru. 3709 sa Nru. 3723 (Ara Appendiċi 'D').

9.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets minn Nru. 3709 sa Nru. 3723.

9.03 Il-Kunsillier Albert Buttigieg issekondah.

9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Aġġornament tal-Laqgħa

10.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa tigi aġġornata għal nhar il-Ħamis 18 ta' Ġunju fis-2 p.m.

**Karl Gouder**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**